# QORTI ĊIVILI
## (SEZZJONI TAL-IRKUPRU TAL-ASSI)
Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 12 ta' Ġunju 2025**

**Nru: 1**

**Rikors Nru. 5/2024**

**Avukat Dottor Abigail Bugeja bħala mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tas-soċjetà estera CMA CGM Société Anonyme au Capital de 234 988 330 Euros, bl-indirizz uffiċjali 4, quai d'Arenc, 13002 Marseille, Franza**

**v**

**Ic-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**

**u**

**Id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**

**Fil-qosor**

1. Is-soċjetà rikorrenti 'CMA CGM' tgħid li hija l-operatur u trasportatur ta' 125 kontejner li inqabdu b'Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru maħruġa mill-Qorti Kriminali fis-26 ta' Lulju 2023, u b'Ordni ta' Qbid u Iffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja.

2. Is-soċjetà rikorrenti fetħet din il-kawża skont id-dritt mogħti lilha bl-artikolu 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (‘Kap. 621’), u dana sabiex il-kontejners jiġu rrilaxxjati mill-imsemmija Ordnijiet.

**L-Ordni ta’ Investigazzjoni u Sekwestru u l-Ordni ta’ Qbid u Iffriżar**

3. Fis-26 ta’ Lulju 2023, il-Qorti Kriminali laqgħet it-talba tal-Prosekutur Delegat Ewropew u sabet li hemm raġunijiet suffiċjenti biex dan jissuspetta li Otman Ali Otman Abdulkader, Jonathan Mizzi, Greta (Greta Josephine) Mizzi, Marica Bugeja, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, Edward Mifsud, Convey Shipping Trading Agency Ltd u AKAKUS International Ltd, huma ħatja ta’ reat skont l-artikoli 23A, 190C, 190D, 190F, 190G u 190H tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta’ Malta. Billi l-Qorti Kriminali kienet sodisfatta li l-materjal li għalih tirreferi t-talba tal-Prosekutur Delegat Ewropew x’aktarx li jkun ta’ siwi sostanzjali għall-investigazzjoni li għaliha saret it-talba u li dan il-materjal ma jikkonsistix f’komunikazzjonijiet privileġġjati, hija ħarġet Ordni ta’ Investigazzjoni u Sekwestru fis-26 ta’ Lulju 2023, fejn:-[1]

> (1) Ordnat “lil Aresbank S.A. Barcelona, Malta Freeport Terminals, CMA CGM Group u W.& J. Coppini & Co, Central Bank of Malta, Merkanti Bank, Malta Enterprise, Capital Transfer Duty, E-Residence, Housing Authority, Malta Tourism Authority, Trading Licence Unit, Eurochange Financial Services, Fexserv Financial Services Limited, MoneyGram International Money Transfer, Phoenix Payments Limited, Papaya Ltd, Global Payments Limited, Alter Dominus Fund Services (Malta) Ltd, Global Capital, BOV Asset Management Ltd, Registrar Voluntary Organizations, Virtu Ferries Limited, Gasan Zammit Motors, Continental Cars Ltd, Gaming Operations Limited (Izibet), Paddy Power Betfair, Bet365, William Hill Online juru lill-lspettur Joseph Xerri u/jew lil Prosekutur Delegat Ewropew u jaghtu access ghall-flejjes, ghall-informazzjoni, ghall-proprjeta', ghall-kontijiet, ghall-flejjes ohra depositati fl-istess kontijiet u/jew safety deposit boxes u ghall-materjal jew ghall-oggetti depozitati fl-istess kontijiet u/jew safety deposit boxes li allegatament huma registrati fuq il persuni fuq indikati jew mizmuma minnhom anke jekk bhala trustees tas-suspettatis kif ukoll ghall-informazzjoni, ghall-korrispondenza u ghad-dokumentazzjoni relattiva ghall-istess flejjes, kontijiet u proprjeta mobbli u/jew immobli, hekk registrati jew li kienu registrati, u ghall-operazzjonijiet in konnessjoni mal-istess proprjeta', kontijiet u/jew safety deposit boxes, inkluz kull dokumentazzjoni dwar I-identita' tal-persuni (legali u/iew naturali) li b'xi mod kellhom konnessjoni dwar il-gestjoni tal-istess flejjes, proprjeta, kontijiet u/jew safety deposit boxes, jew li ddepozitaw jew ghamlu pagamenti fl-istess kontijiet, jew kellhom xi konnessioni mal-operazzjonijiet li saru fuq il-flejjes, fuq il-proprjeta, fuq il-kontijiet u/jew fuq is-safety deposit boxes imsemmlja, inkluzi persuni (legali u/jew naturali) li setghu ibbenefikaw minn hlasijiet jew minn transazzjonijiet u trasferimenti li setghu saru mill-istess flejjes, mill-kontijiet u/jew mis-safety deposit boxes jew minn fuq l-istess proprjeta'.”
>
> (2) Ordnat is-“sekwestru Fidejn Aresbank S.A. Barcelona, Malta Freeport Terminals, CMA CGM Group u W.& J. Coppini & Co, Central Bank ofMalta, Merkanti Bank, Malta Enterprise, Capital Transfer Duty, E-Residence, Housing Authority, Malta Tourism Authority, Trading Licence Unit,

[1] Ara l-Ordni ta’ Investigazzjoni u Sekwestru maħruġa mill-Qorti Kriminali fis-26 ta’ Lulju 2023, f’paġni 14-17.

Eurochange Financial Services, Fexserv Financial Services Limited, MoncyGram International Money Transfer, Phoenix Payments Limiled, Papaya Ltd, Global Payments Limited, Alter Dominus Fund Services (Malta) Ltd, Global Capital, BOV Asset Management Ltd, Registrar Voluntary Organizations, Virtu Ferries Limited, Gasan Zammit Motors, Continental Cars Ltd, Gaming Operations Limited (Izibet), Paddy Power Betfair, Bet365, William Hill Online tal-flejjes, kontijiet, u/jew safety deposit boxes, dokumentazzjoni w informazzjoni ohra u materjal fuq deskritt, li huma dovuti jew jghajjtu jew jappartjenu jew jikkoncernaw lill-persuni suspettati jew mizmuma minnhom anke jekk bhala trustees tal-istess persuni suspettati."

(3) Ordnat "lis-sekwestratarji fuq imsemmija sabiex jiddikjaraw bil-miktub lill Prosekutur Delegat Ewropew mhux aktar tard minn erbgha u ghoxrin siegha millhin tan-notifika ta' dan I-ordni, ix-xorta u 1-provenjenza tal-proprjeta', mobbli u immobli, tal-flqjjes, deheb u gojjelli, kontijiet, servizzi u/jew safety deposit boxes u l-proprjeta kollha hekk sekwestrata."

(4) Ipprojbixxiet "lill-persuni suspettati msemmija milli jittrasferixxu jew b'xi mod iehor jiddisponu minn xi proprjeta' mobbli jew immobli."

(5) Ordnat in-"notifika ta' l-Ordni ta' Sekwestru skond il-ligi lis-sekwestratarji kollha hawn fuq imsemmija, kif ukoll lill-persuni suspettati jekk dawn jinsabu Malta; f' kaz li jirrizulta li ma jinstabux Malta, il-Prosekutur Delegat Ewropew ghandu jiehu hsieb li jara li tigi osservata d-disposizzjoni tas-sub-artikolu (l l) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta u I-ligijiet korrispondenti."

(6) Awtorizzat "lid-Direttur tal-Uffiééju tal-lrkpru tal-Assi biex jakkumpanja lill-persuna li taqdi 1-Ordni ta' Sekwestru fuq is-suspettat, u fuq is-servizz tal-Ordni fuq issuspettat id-Direttur ghandu jkollu d-dritt jidhol, akkumpanjat minn ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva, f'kull dar, bini jew post iehor jew abbord kwalunkwe ingenju jew jidhol fi kwalunkwe vettura, li tappartjeni jew uzata mis-suspettat, jew tnejn huwa suspettat li ssuspettat jista' jkollu proprjetà jew assi ohra li jikkostitwixxu l-proprjetà soggetta ghal konfiska, u b'hekk jaghmel rekord ta' kwalunkwe materjal li jista' jikkostitwixxi tali proprjetà. Id-Direttur jista' ghal dan il-ghan ikollu materjal bhal dan fotografat, mizun, imkejjel u stmat minn esperti."

4. Fl-10 ta' Lulju 2024 tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti struttorja (il-'Qorti tal-Maġistrati'), il-persuni suspettati cioè Otman Ali Otman Abdulkader, Jonathan Mizzi, Greta (Greta Josephine) Mizzi, Marica Bugeja, Duncan Mangion, Carmel Busuttil, Timothy Galea, Jonathan Theuma, Edward Mifsud, Convey Shipping Trading Agency Ltd u AKAKUS International Ltd. Fl-istess ġurnata, il-Qorti tal-Maġistrati ħarġet l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar b'numru ARB/C057/2024, fejn ordnat:-[2]

"is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija soġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputati JONATHAN MIZZI, GRETA sive GRETA JOSPEHINE MIZZI, OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER, AKAKUS INTERNATIONAL LTD, CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD, DUNCAN MANGION, CARMEL BUSUTTIL, TIMOTHY GALEA, JONATHAN THEUMA, EDWARD MIFSUD u MARICA BUGEJA milli ittrasferixxu, jagħtu b'rahan, jipotekaw, jew b'xi mod ieħor ibiddlu jew jiddisponu minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tagħhom jew li tkun fil-pussess tagħhom sal-limitu ta':

i. Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputat JONATHAN MIZZI;

ii. Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputat OTMAN ALI OTMAN ABDULKADER;

[2] Ara l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar b'numru ARB/C057/2024, li nħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Lulju 2024, f'paġni 18-21.

iii. Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tal-imputata GRETA sive GRETA JOSEPHINE MIZZI;

iv. Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tas-soċjetà CONVEY SHIPPING & TRADING AGENCY LTD;

v. Tlieta u għoxrin miljun Euro (€23,000,000) fir-rigward tas-soċjetà AKAKUS INTERNATIONAL LIMITED;

vi. Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat DUNCAN MANGION;

vii. Miljun u mitejn elf Euro (€1,200,000) fir-rigward tal-imputat CARMEL BUSUTTIL;

viii. Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat EDWARD MIFSUD;

ix. Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat TIMOTHY GALEA;

x. Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputat JONATHAN THEUMA;

xi. Ħames miljun Euro (€5,000,000) fir-rigward tal-imputata MARICA BUGEJA;

u dan ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 36 (1) u tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta."

## Il-kawża tal-lum

5. Is-soċjetà rikorrenti llum qiegħda titlob ir-rilaxx ta' 125-il kontejner li ġew maqbuda fl-imsemmija Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru u fl-Ordni ta' Qbid u Iffriżar. Fil-fatt, hija fetħet din il-kawża fid-19 ta' Awwissu 2024, u qiegħda titlob lil din il-qorti, sabiex skont l-artikolu 39 tal-Kap. 621, hija:-

i. Tiddikjara illi l-mija ħamsa u ghoxrin (125) il-container[3] kif indikati aktar fid-dettal fid-Dokument immarkat bhala 'AB1' huma proprjeta' assoluta tas-soċjeta' rikorrenti u jew li ghandha drittijiet fuq l-imsemmija containers;

ii. Tordna sabiex il-mija ħamsa u ghoxrin (125) il-container kif indikati aktar fid-dettal fid- Dokument immarkat bhala 'AB1' ma jibqgħux soġġetti għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar maħruġa fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u jew ghall-Ordni moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023;

iii. Tordna r-rilaxx tal-containers li jappartjenu lilha u jew li ghandha drittijiet fuqhom ad eskluzjoni tal-merkanzija soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar maħruġa fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u jew ghall-Ordni moghtija fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023.

iv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti in subizzjoni.[4]

6. Is-soċjetà rikorrenti targumenta li hija kompletament estranja għall-proċeduri kriminali li nfetħu kontra l-imsemmija imputati, u li minkejja dan, hija qed tinkorri spejjeż kbar għad-

[3] Din ġiet emendata wara t-talba tas-soċjetà rikorrenti tal-5 ta' Marzu 2025 (ara r-rikors tal-5 ta' Marzu 2025 f'paġni 179-180), fejn talbet li r-rikors promotur jiġi emendat skont l-artikolu 175 tal-Kap. 12, sabiex issir riferenza għal 125-il kontejner minflok 118-il kontejner kif kienet oriġinarjament. Din it-talba ġiet milqugħa minn din il-qorti fis-7 ta' Marzu 2025 (ara d-digriet tas-7 ta' Marzu 2025 f'paġna 181).
[4] Ara r-rikors promotur tad-19 ta' Awwissu 2024, f'paġni 1-10.

*detention, storage* u *demurrage* tal-imsemmija kontejners, liem spejjeż jammontaw għal iktar minn sitt miljuni, seba' mija u tlett elef, tmien mija u tmienja u għoxrin Ewro u tmien ċenteżmi (€6,703,828.08).[5] Is-soċjetà rikorrenti tgħid li l-Ordnijiet hawn fuq imsemmija qed jesponuha għal danni sinifikanti għaliex ħabba l-qbid tal-kontejners, hija m'hijiex f'pożizzjoni tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha mat-terzi li krew dawn il-kontejners mingħandha.[6]

7. Hija ssostni li għandha ssir distinzjoni bejn il-kontejners u l-merkanzija ta' ġo fihom. Hija l-merkanzija li hija soġġetta għall-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru u għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar. Il-kontejners min-naħa l-oħra huma totalment estranji għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali hawn fuq imsemmija. Hija targumenta li ż-żamma tal-kontejners hija illeċita u tilledi d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif protetti mill-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Hija għalhekk ssostni li l-merkanzija għandha tinħatt mill-Awtoritajiet konċernati ġewwa maħżen idoneju sabiex l-imsemmija kontejners jiġu rilaxxjati minnufih.

8. Fir-risposta ġuramentata tat-23 ta' Settembru 2024, iċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u d-Direttur tal- Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi wieġbu hekk:-[7]

> i. Preliminarjament, jiġi eċċepit in-nullità tal-proċeduri odjerni billi r-rikors ġuramentat promotur mhuwiex konformi mal-Artikolu 156(l)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjoni hi applikabbli għal dawn il-proċeduri in vista ta' dak kontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> ii. Ill ukoll fuq bażi preliminari, l-Avukat Dottor Abigail Bugeja jeħtieġ li tipprova l-mandat mogħti lilha biex tirrappreżenta s-soċjetà rikorrenti;
>
> iii. Illi ukoll fuq bażi preliminari, jirriżulta li l-mertu tal-kawża odjerna huwa llum eżawrit u dan peress li permezz ta' digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Kriminali fis-27 ta' Awwissu, 2024, il-Qorti laqgħat it-talba tar-rikorrenti fejn kienet talbet sabiex l-Onorabbli Qorti Kriminali tordna varjazzjoni fl-ordni ta' qbid u ffriżar tal-10 ta' Lulju 2024 sabiex tordna r-rilaxx tal- containers li jappartjenu u jew li għandha titolu fuqhom ad esklużjoni tal-merkanzija li hija suġġetta għall-investigazzjoni odjerna u tawtorizza lis-soċjetà tirtira l-containers li jappartjenu lilha u jew li għandha titolu fuqhom.
>
> iv. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponenti qegħdin jikkontestaw l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid- dritt.

---

[5] Din hija l-figura l-iktar riċenti, skont l-affidavit ta' Christian Cauchi, ġeneral manager f'CMA CGM Agencies Worldwide – Malta Branch, f'paġni 168-169.

[6] Ara l-affidavit ta' Adrian Cachia, *finance and insurance manager* ta' Malta Freeport Terminals Limited, f'paġni 164-166.

[7] Ara r-risposta ġuramentata taċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi fit-23 ta' Settembru 2024, f'paġni 31-34.

v. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombu fuq ir-rikorrenti li tressaq prova li hija s-sid tal-containers in kwistjoni;

vi. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma għandhom l-ebda obbligu legali sabiex jieħdu fil-pussess tagħhom il-kontenut ta' tali containers.

vii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qiegħda tallega li ż-żamma tal-containers hija llleċita u tilledi d-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif protetti mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jwieġbu li dan ma huwiex il-forum kompetenti sabiex tiġi mistħarrġa leżjoni o meno tad-drittijiet fundamentali;

viii. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, iż-żamma tal-containers ma tistax titqies bħala waħda llleċita meta tali containers kienu qegħdin jinżammu bis-saħħa ta' ordnijiet maħruġa minn Qorti fi proċeduri kriminali;

ix. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi ma huwiex f'pożizzjoni li jieħu fil-pussess tiegħu l-containers in kwistjoni u dan peress li l-ħażna tal-merkanzija hija ta' natura straordinarja u li ma hijiex fattibli;

x. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti jeħtieġilha tipprova l-elementi kollha kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kap. 621 sabiex l-azzjoni tagħha tirnexxi.

xi. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

9. L-intimati rrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni fit-28 ta' Marzu 2025.[8]

**Proċedimenti quddiem il-qrati kriminali**

10. It-talbiet tas-soċjetà rikorrenti diġà ġew meqjusa mill-qrati ta' kompetenza kriminali, f'dak il-kuntest.

11. Fil-fatt fis-6 ta' Diċembru 2023, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti Kriminali tordna r-rilaxx tal-kontejners li jappartjenu lilha b'esklużjoni tal-merkanzija li hija soġġetta għall-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru.[9] Il-Prosekutur Delegat Ewropew wieġeb għal din it-talba fis-7 ta' Diċembru 2023, u qal li ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma jekk il-kontejners indikati jikkontjenux merkanzija li tappartjeni lil xi wieħed jew iżjed mis-sekwestrati soġġetti għall-Ordni ta' Sekwestru għaliex ma ġietx annessa xi dokumentazzjoni ta' min għamel ordni u l-*bill of lading* effettiv. Huwa qal ukoll li ma kellu l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-soċjetà rikorrenti "diment li l-merkanzija in kwistjoni tibqa' fil-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti."[10]

[8] Ara l-verbal tat-28 ta' Marzu 2025 f'paġna 182.
[9] Ara r-rikors tas-soċjetà rikorrenti fis-6 ta' Diċembru 2023, f'paġni 43-47.
[10] Ara r-risposta tal-Prosekutur Delegat Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2023, f'paġna 51.

12. Fil-11 ta' Diċembru 2023, l-amministratur maħtur għas-soċjetà Akakus International Limited (minn hawn 'il quddiem l-'amministratur'), wieġeb li s-soċjetà Akakus International Limited ma kinitx qed taċċetta responsabbiltà għall-ispejjeż "marbuta ma' din l-Onorabbli Qorti, mal-Prosekutur Delegat Ewropew, mal-Uffiċċju tal-Asset Recovery Bureau u anke mad-Dwana...sa kemm ma jinfetħux proċeduri kriminali kontra l-istess soċjetà u l-istess soċjetà tiġi misjuba hatja ukoll ghall-ispejjez tal-kontejners mizmuma li taghhom jista' jintalab xi hlas skond il-ligi."[11] L-amministratur informa lill-Qorti li kien fil-proċess li jara min huma s-sidien tal-kontejners miżmuma u li sa dik id-data seta' jikkonferma li 83 minn dawn il-kontejners kienu ta' CMA CGM.

13. Fit-12 ta' Diċembru 2023, il-Qorti Kriminali ordnat in-notifika tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sabiex dan jiddikjara jekk kellux maħżen għad-dispożizzjoni tiegħu fejn il-merkanzija setgħet tinżamm taħt l-awtorità tal-imsemmi Uffiċċju wara li tinħatt mill-kontejners skont l-artikolu 35(10) tal-Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.[12]

14. Ma jidhirx li din id-dikjarazzjoni qatt saret jew li ngħata xi digriet ieħor speċifikament fuq ir-rikors tas-6 ta' Diċembru 2023. Minħabba f'hekk, is-soċjetà rikorrenti reġgħet ressqet rikors ieħor fit-2 ta' April 2024,[13] fejn reġgħet talbet ir-rilaxx tal-kontejners appartenenti lilha b'esklużjoni tal-merkanzija. B'żieda ma' dan, hija ssuġġeriet li l-merkanzija tinħatt ġo maħżen, li jiġu nkarigati *surveyors* biex jidentifikaw il-kontenut tal-merkanzija u li l-merkanzija tinżamm fil-kustodja ta' kunsinnatarju. F'każ li s-sitwazzjoni kellha tibqa' l-istess, hija xtaqet li tiġi rifuża l-ispejjeż inkorsi minnha.

15. Fil-5 ta' April 2024, il-Prosekutur Delegat Ewropew wieġeb għat-talba tas-soċjetà rikorrenti u qal li kien jinkombi fuq l-awtoritajiet kompetenti biex jikkooperaw u jaħżnu l-merkanzija.[14] Minkejja dan, fid-digriet tal-5 ta' April 2024, il-Qorti Kriminali ddeċidiet li bħala sekwestrarja s-soċjetà rikorrenti kellha l-obbligu legali li żżomm fil-pussess tagħha l-merkanzija bħala proprjetà li tgħajjat, tappartjeni jew tikkonċerna lill-persuni suspettati jew li tkun miżmuma, anke jekk bħala *trustees,* mis-suspettati. Hija għalhekk sostniet li s-"soċjetà rikorrenti sekwestarja CGA CGM għandha taħt il-kontroll tagħha u miżmuma fil-

[11] Ara r-risposta tal-amministratur tal-11 ta' Diċembru 2023, f'paġni 52-53.
[12] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2023, f'paġna 57.
[13] Ara r-rikors tas-soċjetà rikorrenti tat-2 ta' April 2024, f'paġni 65-73.
[14] Ara r-risposta tal-Prosekutur Delegat Ewropew tal-5 ta' April 2024, f'paġni 77-78.

containers proprjetà tagħha materjal li huwa soġġett għall-Ordni u li għalhekk għandha l-obbligu li żżomm anke jekk b'tali żamma hija tirrikorri xi spejjeż. Issa jekk s-soċjetà sekwestrarja tixtieq illi tieħu lura fil-pussess tagħha l-imsemmija kontejners, għandha tressaq talba appożitu lil Qorti bl-obbligu madanakollu jkun fuqha li tara li l-oġġetti jibqgħu miżmuma minnha taħt l-imsemmi Ordni."[15]

16. Il-Qorti Kriminali sostniet li għalkemm id-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu d-diskrezzjoni, skont l-artikolu 33 tal-Kap. 621, li jieħu fil-pussess tiegħu xi materjal soġġett għall-Ordni, il-qorti m'għandhiex is-setgħa li tordna lill-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel dan minn jeddha. Lanqas m'għandha s-setgħa li taħtar kunsinnatarju kif ġie mitlub. Il-Qorti Kriminali qalet ukoll li s-soċjetà rikorrenti ma tistax tippretendi r-refużjoni tal-ispejjeż minn Akakus International Limited "ġaladarba ż-żamma tal-imsemmija merkanzija qed issir in konnessjoni ma' investigazzjoni kriminali immexxija f'dan il-każ mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Delegat Ewropew u dan bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu mil-liġi."[16]

17. Fl-10 ta' Lulju 2024, is-soċjetà rikorrenti ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati talba għall-varjazzjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar fl-atti tal-kumpilazzjoni b'numru 561/2024 fl-ismijiet '*Repubblika ta' Malta vs Jonathan Mizzi et'*. Fit-3 ta' Ottubru 2024, il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet din it-talba u ordnat li d-digriet jiġi nnotifikat id-Direttur tal-Uffiċju tal-Irkupru tal-Assi biex jagħmel dak li huwa meħtieġ inkluż li jagħmel it-talba opportuna quddiem il-qorti kompetenti, jekk ikunu jeżistu ċ-ċirkostanzi maħsuba espressament fl-artikolu 36(9)(a)(ii) tal-Kap. 621.[17]

18. Fit-2 ta' Awwissu 2024, l-amministratur ressaq talba sabiex il-Qorti Kriminali tidderiġih x'għandu jagħmel bil-merkanzija miżmuma fil-Port Ħieles f'madwar 197-il kontejner, "li fuqhom għad m'hemm l-ebda dikjarazzjoni mad-dwana, li oltre l-ħlasijiet tad-demurrage li jitilgħu kuljum hemm ukoll ir-riskju tal-ħsara lill-istess merkanzija iktar ma' jgħaddi ż-żmien."[18] Fit-2 ta' Awwissu 2024, il-Qorti Kriminali ddikjarat li ma kellhiex il-kompetenza

---

[15] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' April 2024, f'paġni 79-83.
[16] Ibid.
[17] Ara l-affidavit ta' Adrian Cachia, *finance u insurance manager* f'Malta Freeport Terminals Limited, f'paġni 164-166. Ma ġietx ippreżentata kopja ta' dawn l-atti.
[18] Ara r-rikors tal-amministratur tat-2 ta' Awwissu 2024, f'paġni 84-86.

biex tqis il-kwistjoni, u dan minħabba l-Ordni ta' Qbid u Iffriżar li nħarġet fil-proċeduri kriminali ta' kontra Akakus International Limited.[19]

19. Fid-19 ta' Awwissu 2024 reġgħet saret talba oħra min-naħa tas-soċjetà rikorrenti,[20] u dana sabiex jiġu rilaxxati kontejners li jappartjenu jew li għandha titolu fuqhom l-istess soċjetà rikorrenti u dana b'esklużjoni tal-merkanzija. Din it-talba ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' Awwissu 2024.[21] Fil-15 ta' Ottubru 2024,[22] il-Prosekutur Delegat Ewropew talab lill-Qorti Kriminali biex tagħti l-ordnijiet meħtieġa għall-esekuzzjoni tad-digriet tas-27 ta' Awwissu 2024, u dana wara li l-istess Prosekutur ġie informat li l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi m'għandux il-kapaċità loġistika u finanzjarja sabiex jaħżen il-merkanzija u li lanqas li kieku kellu t-tali kapaċità, il-ħażna tal-merkanzija ma tagħmilx sens ekonomiku peress li l-ispiża sabiex tinħatt u tinħażen il-merkanzija teċċedi bil-bosta l-valur tal-merkanzija nnifisha. Dan ġie kkonfermat mis-soċjetà rikorrenti li, fir-risposta tagħha, ilmentat li l-awtoritajiet qed jabdikaw mir-responsabbiltà tagħhom u li tefgħu l-piż finanzjarju fuq terzi bħalha.[23]

20. Fil-15 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Kriminali ddeċidiet fuq dan ir-rikors billi ordnat li l-"merkanzija tiġi mehuda f'post ta' hazna adegwat wara li tigi mhatta u dan a spejjez provisorji tar-rikorrenti u ma hiex qed taghti l-awtorizzazzjoni taghha ghal biegh taghha."[24] Iżda fil-5 ta' Novembru 2024, hija reġgħet ħarġet digriet ieħor[25] li permezz tiegħu irrevokat d-digriet tas-27 ta' Awwissu 2024 li laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti, u ordnat in-notifikat tar-rikors promotur lill-partijiet kollha, inkluż l-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi u dana peress li dawn ma kienux ippreżentaw risposta. Fid-digriet tal-5 ta' Novembru 2024, hija rriservat li tipprovdi ulterjorament.

21. Ma jidhirx li ġew ippreżentati xi risposti wara d-digriet tal-5 ta' Novembru 2024. Fil-11 ta' Frar 2025, is-soċjetà rikorrenti reġgħet ressqet rikors ieħor li permezz tiegħu talbet lill-Qorti Kriminali sabiex tiddikjara li l-kontejners m'humiex soġġetti għall-ordnijiet relattivi

[19] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Awwissu 2024, f'paġna 88.
[20] Ara r-rikors tas-soċjetà rikorrenti tad-19 ta' Awwissu 2024, f'paġni 96-102.
[21] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Awwissu 2024, f'paġna 126.
[22] Ara r-rikors tal-Prosekutur Delegat Ewropew tal-15 ta' Ottubru 2024, f'paġna 127.
[23] Ara r-risposta tas-soċjetà rikorrenti, f'paġni 131-134.
[24] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Ottubru 2024, f'paġna 141.
[25] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Novembru 2024, f'paġna 143.

u tordna u tawtorizza r-rilaxx tal-kontejners b'esklużjoni tal-merkanzija li hija suġġetta għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar u dan taħt is-superviżjoni tal-Awtoritajiet konċernati.[26] F'każ li jinstab li l-merkanzija ma setgħetx tinħatt ġo maħżen, is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Qorti Kriminali biex tawtorizza l-bejgħ bl-irkant tal-merkanzija.

22. Fis-17 ta' Frar 2025, l-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi wieġeb li huwa m'għandux obbligu legali biex jieħu fil-pussess tiegħu l-kontenut tat-tali kontejners, u li f'dan il-każ, il-ħażna tal-merkanzija hija ta' natura straordinarja, m'hijiex fattibbli u tiżboq bil-bosta l-valur tas-suq tal-istess merkanzija.[27] Huwa argumenta li r-responsabbiltà tal-Uffiċċju hija limita għat-tħejjija tal-elenku tal-assi tal-merkanzija li tinsab ġewwa l-kontejners, iżda li, minkejja dan, huwa jkun lest li jissorvelja operazzjoni sabiex il-kontenut tal-kontejners jinħatt għal ġo kontejners oħra, bil-għan li jtaffi mill-ispejjeż li qed tinkorri s-soċjetà rikorrenti.

23. L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi semma li ma kellux oġġezzjoni għall-bejgħ bl-irkant tal-merkanzija u li fil-fatt, huwa diġà ressaq talba f'dan is-sens quddiem din il-qorti. Dan ġie kkorroborat mill-Prosekutur Delegat Ewropew li, fir-risposta tiegħu tat-18 ta' Frar 2025,[28] semma li kienu diġà ġew istitwiti proċeduri għall-bejgħ bl-irkant tal-merkanzija. La l-Prosekutur u lanqas l-amministratur – li wieġeb għar-rikors ta' CMA CGM fit-18 ta' Frar 2025[29] – ma kellhom oġġezzjoni għall-bejgħ bl-irkant tal-merkanzija. Iżda l-Prosekutur żied li jekk il-kontejners ma jappartjenux lil xi wieħed mill-imputati, dan ifisser li huma qatt ma kienu kolpiti bl-Ordni u għalhekk dikjarazzjoni f'dan is-sens tkun superfluwa.

24. Il-Qorti Kriminali waslet għal deċiżjoni fuq dan ir-rikors fl-20 ta' Frar 2025.[30] Hija qalet li huwa biss id-Direttur tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi li, skont is-subartikoli (8) u (10) tal-artikolu 35 tal-Kap. 621, jista' jitlob lill-qorti sabiex jieħu fil-pussess tiegħu xi materjal soġġett għall-Ordni u li l-Qorti Kriminali m'għandhiex is-setgħa li tordnah jagħmel dan kif titlob is-soċjetà rikorrenti. Il-Qorti Kriminali semmiet li d-drittijiet ta' partijiet terzi fuq proprjetà soġġetta għall-Ordni huma ċirkoskritti fl-artikolu 39 tal-Kap. 621, u li t-talba għar-rilaxx tal-proprjetà tista' ssir quddiem din il-qorti skont l-artikolu 39. Min-naħa l-oħra

---

[26] Ara r-rikors tas-soċjetà rikorrenti tal-11 ta' Frar 2025, f'paġni 144-148.
[27] Ara r-risposta tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi tas-17 ta' Frar 2025, f'paġni 150-151.
[28] Ara r-risposta tal-Prosekutur Delegat Ewropew tat-18 ta' Frar 2025, f'paġna 152.
[29] Ara r-risposta tal-amministratur tat-18 ta' Frar 2025, f'paġna 153.
[30] Ara d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Frar 2025, f'paġni 154-155.

l-bejgħ tal-merkanzija jista' jiġi ordnat minn din il-qorti wara talba mid-Direttur tal-Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi skont l-artikolu 36(9) tal-Kap. 621. Peress li l-Qorti Kriminali ddeċidiet li m'għandhiex is-setgħa li tagħmel dak li ġie mitlub mis-soċjetà rikorrenti, hija astjeniet milli tkompli tqis it-talbiet tagħha.

**Liġi Applikabbli**

25. Skont l-artikolu 39 tal-Kap. 621, kwalunkwe persuna li tiddikjara li hija s-sid jew li għandha drittijiet fuq kwalunkwe proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Qbid u Iffriżar jew fuq proprjetà kkonfiskata, tista' tirrikorri quddiem din il-qorti biex tiddikjara li l-imsemmija proprjetà tappartjeni lilha jew li għandha d-drittijiet mitluba fuq dik il-proprjetà. Fl-istima tagħha tal-prova miġjuba minn parti terz li titlob proprjetà jew drittijiet fuqhom skont l-artikolu 39, il-qorti għandha tikkunsidra kif jixraq il-familja, negozju jew relazzjoni oħra bejn il-persuna misjuba ħatja u l-applikant, l-użu li qiegħed isir tal-proprjetà, inkluż l-identità tal-persuni li eżerċitaw dominju u kontroll fuq il-proprjetà, l-identità tal-persuni li ħallsu l-assigurazzjoni, taxxi jew spejjeż ta' manutenzjoni tal-proprjetà u s-sorsi ta' tali ħlasijiet, il-mezzi tal-persuna li titlob il-proprjetà u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jistgħu jaffettwaw il-kredibbilità tat-talba.

26. Wara li "tkun sodisfatta permezz tal-prova prodotta minn tali persuna li l-applikant huwa s-sid tal-proprjetà," il-qorti għandha tiddikjara li l-proprjetà tappartjeni lill-applikant u ma tibqax soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar jew Konfiska. F'każ li l-qorti tkun sodisfatta li l-applikant għandu d-drittijiet fuq il-proprjetà, il-qorti m'għandhiex tiddikjara li t-tali proprjetà m'hijiex soġġetta għall-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar jew Konfiska, iżda għandha minflok tiddikjara l-"proprjetà maqbuda, konfiskata jew iffriżata bħala soġġetta għal dawk id-drittijiet."

27. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba tal-applikant, f'każ li r-reġistrazzjoni tat-titolu għall-proprjetà li kienet fil-pussess jew fit-tgawdija tal-persuna misjuba ħatja, kienet meħtieġa mil-liġi u ma saritx qabel il-bidu tal-proċeduri mingħajr raġuni ġusta. Dan jgħodd ukoll anke jekk it-titolu tal-proprjetà jkun ġie rreġistrat qabel il-bidu tal-proċedimenti, iżda wara d-data "meta l-persuna misjuba ħatja kienet taf, jew raġonevolment jista' jiġi preżunt li kienet taf, li kienet qiegħda tiġi investigata jew imħarrka." F'każ li jinstab li l-proprjetà hija

rikavat mill-kriminalità, l-ebda oġġezzjoni minn parti terza għall-Qbid, Iffriżar jew Konfiska tal-proprjetà ma' tista' ssir ħlief għall-oġġezzjoni ta' xerrej *bona fide* għall-valur deskritt f'sub-artikolu 4, jew ta' terz persuna li kienet is-sid ta' proprjetà qabel jew fil-ħin tar-reat li jagħti lok għall-Qbid, Iffriżar jew Konfiska tal-proprjetà. Meta l-applikant jiddikjara li akkwista l-proprjetà jew id-dritt fuqha b'titolu oneruż jew f'tranżazzjoni kummerċjali, huwa jrid jipprova li huwa "ħallas il-prezz ġust tiegħu," fuq "tranżazzjoni arm's length" u li "ma għandu l-ebda raġuni għaliex jemmen li l-proprjetà kienet soġġetta għall-konfiska fiż-żmien li hu kellu interess fiha."[31]

**Eċċezzjoni preliminari: prova tal-mandat**

28. L-intimati jeċepixxu li għandha ssir prova tal-mandat mogħti lill-Avukat Dottor Abigail Bugeja biex tirrappreżenta lis-soċjetà rikorrenti.

29. Matul il-kawża ma ġietx esibita prova tal-mandat *per se*. Però ġie esibit l-affidavit ta' Christian Cauchi, *general manager* fi ħdan CMA CGM Agencies Worldwide, kif ukoll diversi dokumenti ta' CMA CGM, li juru li t-tali proċedimenti qiegħdin isiru bil-konoxxenza u bil-kunsens tal-istess soċjetà.

30. Wara kollox il-mandat m'għandux għalfejn ikun bil-kitba, u jista' anki jkun taċitu. Ukoll, fejn avukat jiddikjara li għandu mandat, il-qorti għandha toqgħod fuq din id-dikjarazzjoni sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, għaliex avukat hu uffiċjali tagħha. Fil-każ partikolari, ta' min jinnota wkoll li din mhux l-ewwel darba li l-Avukat Dottor Abigail Bugeja aġixxiet bħala l-mandatarju speċjali f'isem u għan-nom tas-soċjetà estera CMA CGM. Fil-fatt hija rrappreżentat lis-soċjetà rikorrenti quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Maġistrati, fejn is-soċjetà rikorrenti ressqet l-istess talbiet jew talbiet simili għal dawk li qed tressaq f'din il-kawża.

31. Għalkemm l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi ġie nnotifikat u wieġeb għad-diversi talbiet tas-soċjetà rikorrenti, huwa qatt ma qajjem it-tali eċċezzjoni quddiem il-qrati kriminali. In effett huwa għalhekk impliċitament irrikonoxxa l-awtorità tal-Avukat Dottor Abigail

[31] F'każ ta' wegħda ta' bejgħ ta' immobbli magħmula qabel il-proċeduri li wasslu għall-kundanna tal-persuna misjuba ħatja, din il-qorti għandha żewġ alternattivi, fl-għażla tad-Direttur, hekk kif ġew imniżżla fl-artikolu 39(5) tal-Kap. 621.

Bugeja biex taġixxi bħala l-mandatarju speċjali tas-soċjetà rikorrenti, u ma jistax iressaq it-tali eċċezzjoni f'dan l-istadju. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

**Eċċezzjoni: Eżawriment tat-talba**

32. L-intimati jeċepixxu li l-mertu tal-kawża ġie eżawrit bid-digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Awwissu 2024, fejn ġiet milqugħa t-talba għar-rilaxx tal-kontejners b'esklużjoni tal-merkanzija. Dan m'huwiex il-każ però; għaliex kif rajna, id-digriet tas-27 ta' Awwissu 2024 ġie revokat mill-Qorti Kriminali fil-5 ta' Novembru 2024.

33. Issa fid-digriet ta' revoka, il-Qorti Kriminali rreferiet biss għad-digriet tas-27 ta' Awwissu 2024 u m'għamlet l-ebda aċċenn għad-digriet tal-15 ta' Ottubru 2024, fejn ġie ordnat li l-merkanzija tittieħed f'maħżen adegwat a spejjeż proviżorju tas-soċjetà rikorrenti. Però qiegħed jitqies li d-digriet ta' revoka jolqot ukoll id-digriet tal-15 ta' Ottubru 2024. Dan għaliex id-digriet tal-15 ta' Ottubru 2024 jikkonċerna t-talba li saret mill-Prosekutur Delegat Ewropew biex il-Qorti Kriminali tagħti l-ordnijiet meħtieġa għall-esekuzzjoni tad-digriet tas-27 ta' Awwissu 2024.

34. Skont id-dokumenti li għandha quddiemha din il-qorti, l-aħħar digriet tal-Qorti Kriminali ngħata fl-20 ta' Frar 2025. F'dak id-digriet, il-Qorti Kriminali waqfet milli tkompli tqis it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u sostniet li t-talba għar-rilaxx tal-proprjetà għandha ssir quddiem din il-qorti skont l-artikolu 39 tal-Kap. 621. Anke t-talba li s-soċjetà rikorrenti ressqet għall-varjazzjoni tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati fit-3 ta' Ottubru 2024.

35. Dan ifisser li l-mertu ta' din il-kawża m'huwiex eżawrit kif eċċepiet mill-intimati u l-eċċezzjoni tal-intimati f'dan is-sens qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

**It-talba għar-rilaxx tal-kontejners**

36. L-artikolu 39 tal-Kap. 621 jirreferi biss għall-proprjetà soġġetta għal Ordni ta' Qbid u Iffriżar skont it-Taqsima IV" u għall-"proprjetà konfiskata skont l-artikolu 38". Ma jirreferix għall-proprjetà soġġetta għall-ordni ta' investigazzjoni jew ordni ta' sekwestru u

għalhekk ma jistax joffri rimedju fir-rigward tal-Ordni ta' Sekwestru u Investigazzjoni tas-26 ta' Lulju 2023.

37. Però ma jidhirx li dan ser ikun ta' preġudizzju għas-soċjetà rikorrenti. Dan għaliex skont l-artikolu 35(5) tal-Kap. 621, ordni ta' sekwestru hija valida biss għal sitt xhur, sakemm ma tiġix revokata mill-Avukat Ġenerali qabel. Skont l-istess artikolu, il-Qorti Kriminali m'għandhiex tordna Ordni ta' Sekwestru oħra fir-rigward tas-suspettat sakemm ma tkunx sodisfatta li hemm informazzjoni sostanzjalment ġdida fir-rigward tar-reat relevanti relattiv. F'dan il-każ, ma jidhirx li qatt inħarġet xi Ordni ta' Sekwestru wara s-26 ta' Lulju 2023. B'hekk, jidher li l-Ordni ta' Sekwestru m'għadhiex preżentement fis-seħħ.

38. Issa fir-rigward tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, din ma tolqotx direttament il-kontejners jew il-merkanzija; tolqot biss il-proprjetà ġenerali tal-imputati sa ċertu valur. Matul il-proċeduri kriminali li diġà ssemmew, jidher li ġie kkonfermat diversi drabi li hija l-merkanzija (jew parti minnha) biss li tappartjeni lill-imputati. Fil-fatt il-qrati kriminali ma rrifjutawx it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għaliex sabu li l-kontejners kienu soġġetti għal xi ordni; ir-rifjut tagħhom kien imsejjes fuq il-problemi loġistiċi fir-rigward tal-ħażna tal-merkanzija u n-nuqqas ta' kompetenza tat-tali qrati biex jilqgħu t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti. Fid-deċiżjonijiet tagħhom, ġie rikonoxxut li kien il-kontenut tal-kontejners u mhux il-kontejners li kienu soġġetti għall-Ordni ta' Investigazzjoni u Sekwestru u/jew għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar. Dan ma ġiex ikkontestat mill-Prosekutur Delegat Ewropew,[32] jew mill-Uffiċju tal-Irkupru tal-Assi.

39. Għalhekk, filwaqt li l-qorti ser tkun qiegħda tiddikjara l-kontejners ħielsa mill-effetti tal-Ordni ta' Qbid u Iffriżar, il-qorti mhux ser tkun qiegħda tagħmel dan fit-termini tal-artikolu 39. Dan għaliex ma jidhirx li l-kontejners ad esklużjoni tal-merkanzija, qatt kienu soġġetti għall-Ordni ta' Qbid u Iffriżar.[33]

[32] Dan fil-fatt qal li ma sabx oġġezzjoni għar-rilaxx tal-kontejners lis-soċjetà rikorrenti "diment li l-merkanzija in kwistjoni tibqa' fil-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti."

[33] Għalkemm il-qorti tifhem li jista' jkun hemm xi problemi loġistiċi fir-rigward tal-esekuzzjoni u l-infurzar ta' din is-sentenza, hija m'hijiex ser tkun qiegħda tagħti xi ordnijiet speċifiċi għal dan l-iskop għaliex dan ma ġiex speċifikament mitlub mis-soċjetà rikorrenti.

**Parti deċiżiva**

Għaldaqstant, il-qorti qiegħda:-

a. tiddikjara illi l-mija ħamsa u ghoxrin (125) kontejner kif indikati aktar fid-dettal fid-Dokument immarkat bhala 'AB1' huma proprjeta' assoluta tas-soċjeta' rikorrenti jew li ghandha drittijiet fuq l-imsemmija kontejners; u

b. tiddikjara li l-mija ħamsa u għoxrin (125) kontejner m'humiex soġġetti iżda huma ħielsa mill-effetti tal-Ordni tal-Qbid u l-Iffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Lulju 2024.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni f'para (b) hawn fuq, il-qorti m'għandhiex għalfejn tagħmel l-ordni mitluba fit-tielet talba tas-soċjetà rikorrenti.

L-ispejjeż tal-kawża jħallsuhom l-intimati.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur